**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Kumpilazzjoni Numru 116/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Patrick Attard**

**Illum 9 ta' Dicembru 2020**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront ta' Patrick Attard, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 288279M li permezz taghhom gie akkuzat talli:

*"…nhar is-07 ta' Dicembru 2018 ghall-habta ta' bejn is-6.45 u s-7.10 ta' filghodu, f' diversi bnadi gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:-*

*a) Volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamilt hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni ICE-124, liema hsarat jiskorru l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (EUR 2,500) u li saru ghad-dannu ta' Janice Tanti u/jew ta' persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*b) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt vettura tal-ghamla Mudan bin-numru tar-registrazzjoni FBV-215 bi traskuragni u/jew b' mod perikoluz u/jew bla kont u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;*

c) *U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ngurjajt u heddidt lil Janice Tanti, liema ngurji u theddid mhux msemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kont ipprovokat, ingurjajt b' mod li hrigt mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339( e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

d) *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat, glied u storbju u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba illi tiskwalifika lil Patrick Attard milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidhrilha xieraq."*

Rat id-dokumenti kollha pprezentata quddiemha.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura Sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lil allegata vittma Janice Tanti tiddikjara fit-2 ta' Dicembru 2020 illi hija thallset ghall-hsarat li gew subiti fil-vettura li kienet qed issuq meta sehh dan l-incident u illi hija qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Rat li kemm il-Prosekuzzjoni, parte civile u d-difiza ddikjaraw li ma ghandhomx iktar provi xi jressqu.

Semghet sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-**ewwel** imputazzjoni, din giet ampjament ippruvathaa mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Dan jirrizulta b' mod car mix-xhieda dettaljata moghtija minn Janice Tanti.

Dwar it-**tieni** imputazzjoni, il-Qorti tqies li fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud tas-6 ta' Mejju 1997 inghad testwalment:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieqragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun,jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> *Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal taliriskji.*
>
> *Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzikollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta'traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minndawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligiu d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali,21/5/96)."*

Fic-cirkostanzi u mill-assjem tal-provi prodotti, din il-Qorti tqies li s-sewqan ta' l-imputat kien jammonta ghal sewqan traskurat li ma jammontax ghall-estremi ravvizati fl-artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta. b' manjiera bla kont. Din il-Qorti ma tarax li dan ix-xenarju kien wiehed illi jirravizza fis-sewqan tal-imputat dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan ta' natura perikoluza

jew traskuragni kbira. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tapplika l-artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tar-rinunzja da parte ta' Janice Tanti, din il-Qorti sejra tiddikjara li procediment huwa ezawrit fir-rigward tat-**tielet** imputazzjoni.

Dwar ir-**raba'** imputazzjoni, ix-xhieda moghtija, din il-Qorti tinsab sodisfatta li r-raba' imputazzjoni giet ippruvatha mill-Prosekuzzjoni. Illi dwar din ir-raba' imputazzjoni ssir referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija versus MariaConcetta Green (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

> *'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunementimsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminatifunditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jewminhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta'nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultatdirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr majkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassalghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') majammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-KodiciKriminali.'*

B'applikazzjoni tas-suespost ghall-kaz odjern m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni giet ippruvata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan il-kaz billi (i) tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni stante li l-procediment huwa ezawrit in vista tar-rinunzja ta' Janice Tanti, (ii) tillibera lil Patrick Attard mit-tieni imputazzjoni ghal dak li ghandu x'jirrigwarda sewqan b'mod perikoluz u/jew bla kont; (iii) filwaqt li wara li rat l-artikoli 325(1)(a) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Patrick

Attard hati ta' l-ewwel imputazzjoni, it-tieni imputazzjoni ghal dak li jirrigwarda sewqan bi traskuragni u tar-raba' imputazzjoni u qieghda tillibera lill-istess Patrick Attard, bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor matul il-perjodu ta' tliet snin, liema perjodu jibda ghaddej mil-lum, u dan kollu bis-sahha tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ta' Patrick Attard ghal zmien tmint ijiem li jibdew ghaddejjin minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada, u dan ai termini tal-artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fissret lill-appellant fi kliem car u li jinftiehem, il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tliet snin mil-lum.

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur